



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' April 2008 (28.04)
(OR.en)**

8708/08

**Fajl Interistituzzjonali:
2007/0291 (COD)**

**TELECOM 53
MI 130
DATAPROTECT 17
CAB 22
INST 34
CODEC 499**

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	COREPER (Parti 1)
Nru prop. Cion:	16840/07 TELECOM 174 MI 353 DATAPROTECT 62 CAB 58 INST 168 CODEC 1503
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni f'dak li jirrigwarda l-perijodu effettiv tagħha - Eżami tal-Proposta ta' Kompromess tal-Presidenza

1. Fil-21 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni għaddiet lill-Kunsill il-proposta tagħha li testendi l-mandat attwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA). Din il-proposta ġiet diskussa f'bosta laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjonijiet u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat lid-delegazzjonijiet proposta ta' kompromess li ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma fil-11 ta' April 2008.
2. Fil-prinċipju, id-delegazzjonijiet kollha qablu li l-ENISA għandha tiġi estiża. Il-Kummissjoni oriġinalment ipproponiet estensjoni ta' sentejn. Il-Presidenza qed tipproponi estensjoni ta' tliet snin bil-għan li tuża dan il-perijodu itwal biex tippermetti diskussjoni fil-fond dwar il-futur ta' ENISA u dwar is-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni. Xi Stati Membri jippreferu estensjoni itwal.

Apparti r-riżervi indikati fin-noti ta' qiegħ il-paġna fl-anness, għandu jiġi nnotat li DK u UK għandhom riżervi ta' skrutinju parlamentari dwar il-proposta. Il-Kummissjoni, sakemm jittieħed il-vot fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, iżżomm riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar it-test propost.

3. Il-Coreper huwa mistieden jeżamina l-proposta ta' kompromess tal-Prezidenza, fil-kuntest li tkun tiffirma l-bażi għad-diskussjonijiet interistituzzjonali li ġejjin immirati lejn ftehim fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew dwar dan il-fajl.

KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA GĦAL

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni f'dak li jirrigwarda l-perijodu effettiv tagħha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni (3),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (4),

Billi:

- (1) **Fl-10 ta' Marzu 2004** l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni (minn issa 'l quddiem "l-Aġenzija") **għal ħames snin**.
- (2) **Fit-23 ta' Marzu 2007**, il-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Aġenzija ħareġ rakkomandazzjonijiet, **wara l-Evalwazzjoni ta' l-ENISA**, rigward il-bidliet xierqa għar-Regolament. [...]
- (3) F'konformità ma' l-Istrateġija tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni fetħet konsultazzjoni pubblika dwar l-estensjoni u l-ġejjieni ta' l-Aġenzija, li nżammet bejn it-13 ta' Ġunju u s-7 ta' Settembru 2007.

- (4) [...] [...]
- (5) Peress li l-mandat ta' l-Aġenzija ser jiskadi fit-13 ta' Marzu 2009 sabiex tiġi żgurata kontinwità huwa **għalhekk** meħtieġ li tiġi adottata miżura interim. **Il-perijodu ta' l-estensjoni ser jippermetti diskussjoni ulterjuri dwar il-ġejjieni ta' l-ENISA. Id-diskussjoni ser tirrifletti r-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni ta' l-ENISA, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija u r-reviżjoni kontinwa tal-Qafas Regolatorju għan-networks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Hija ser tippermetti wkoll riflessjoni ulterjuri dwar id-direzzjoni ġenerali ta' l-isforzi Ewropej lejn sigurtà akbar tan-networks u l-informazzjoni. [...]** L-estensjoni tal-perijodu effettiv ta' l-Aġenzija hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' din id-diskussjoni.
- (6) Il-perijodu effettiv ta' l-Aġenzija għandu għalhekk jiġi estiż sat-13 ta' Marzu **2012**,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (KE) Nru 460/2004

L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 460/2004 jinbidel bit-test li ġej:

"Artikolu 27 - Tul

L-Aġenzija għandha tiġi stabbilita mill-14 ta' Marzu 2004 għal perijodu ta' **tminn** snin."

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...], [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
